MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2008

Avviz Numru. 390/2007

**Is-socjeta' Tabria Company Limited (C 8070)**

**vs**

**Carmelo Farrugia (ID 589148 M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta' attrici fid-19 ta' Novembru, 2007 fejn talbet li din il-Qorti li l-konvenut jizgombra fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat mill-istess Onorabbli Qorti mill-fond sitwat il-Birgu (Vittoriosa), Triq Desain, numru wiehed (1), liema fond gie lilu mikri kif jirrizulta mill-iskrittura relattiva datata 1 (l-ewwel) ta' Frar 1996 (sena elf disa' mija u sitta u disghin), originarjament versu l-kera pattwita ta' mija hamsa u ghoxrin lira (Lm125; €291.17) fis-sena pagabbli kull sitt (6) xhur bil-quddiem (cioe' fl-1 ta' Frar u fl-1 ta' Awissu), liema kirja giet sussegwentement emendata fis-sens li l-kirja pattwita saret ta' mija u hamsin lira (Lm150; €349.41) fis-sena

pagabbli kull sitt (6) xhur bil-quddiem (cioe' fl-1 ta' Jannar u fl-1 ta' Lulju), u dana billi huwa bhala kerrej, naqas jaqdi bhala missier tajjeb tal-familja bil-fond hekk mikri lilu nonostante li huwa gie nterpellat inutilment permezz ta' l-ittra ufficjali tat-22 (tnejn u ghoxrin) ta' Ottubru 2007 (sena elfejn u sebgha) (Itt. 5950/07) biex isewwi l-hsarat li saru unikament responsabbilta' tieghu, u ghal dan il-fini qed jintalab minn l-istess Onorabbli Qorti debita dikjarazzjoni li l-kirja fuq imsemmija giet terminata b'effett mid-data ta' notifika ta' l-ittra ufficjali msemmija, u b'hekk m'ghadux jokkupa l-istess fond b'titolu validu fil-ligi.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-22 (tnejn u ghoxrin) ta' Ottubru 2007 (sena elfejn u sebgha) (Itt. 5950/07) u dana bla pregudizzju ghall-proceduri ulterjuri li s-socjeta' attrici tista' tiehu fil-konfront tieghu in raguni tal-hsarat sofferti mill-istess socjeta' attrici.

Ghall-finijiet ta' kompetenza jigi dikjarat li l-valur lokatizju ma jeccedix il-hamest elef lira (Lm5,000) kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1. Preliminarjament l-avviz odjern huwa rritu u null peress li in vista tat-talbiet attrici kif dedotti, l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex il-kompetenza ratione materiae li tisma' din il-kawza, u dan a tenur ta' l-artikolu 47 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif emendat bl-Att numru XXXI tas-sena elfejn (2000) li dahal fis-sehh permezz ta' l-Avviz Legali numru 275 tas-sena 2005.

2. Fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, mhuwiex minnu illi l-konvenut naqas milli jinqeda bhala missier tajjeb tal-familja bil-fond hekk mikri lilu.

3. Illi fit-tielet lok il-konvenut ghandu titolu validu fil-ligi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din is-sentenza hija limitata ghal kwistjoni tal-kompetenza mqajjma mill-konvenut fl-ewwel eccezzjoni tieghu fejn invoka l-emendi li saru bl-att XXXI tas-sena elfejn illi dahal fis-sehh permezz ta’ l-Avviz Legali 275 tas-sena 2005 ippubblikat fl-1 ta’ Awissu 2005. Din l-emenda effettivament nehhiet il-kawzi ta’ l-izgumbrament mill-gurisdizzjoni tal-Qrati Inferjuri. Permezz tal-verbal tat-28 ta’ April 2008 (fol 26) is-socjeta’ attrici ddikjarat li ma kienetx qed tinsisti ghall-izgumbrament tal-konvenut pero’ zammet ferm il-kawzali ghal tali zgumbrament u talbet decizzjoni dikjaratorja dwarhom. Is-socjeta’ attrici argumentat illi tali verbal nehha l-ostakolu illi kien hemm quddiem il-Qorti permezz ta’ l-emenda fl-Artikolu 47 tal-Kap 12 peress illi decizzjoni fuq il-kawzali biss ma kienx ser iwassal ghall-izgumbrament tal-konvenut. Fi kwalunkwe kaz is-socjeta’ attrici ghamlet referenza wkoll ghall-Artikoli 228 u 702 tal-Kap 12 li jaghmlu referenza ghal zgumbramenti ordnati mill-Qorti tal-Magistrati.
Ikkunsidrat:

Illi fl-ordinament guridiku taghna kwistjonijiet tal-kompetenza tad-diversi Qrati Maltin huma ta’ ordni pubbliku u wahda mill-ftit kazijiet li jistghu jitqajjmu *“ex officcio”* mill-istess Qrati (Volum XXIX pt ii pg 808) u bhala tali jpoggu oneru fuq il-Qrati rispettivi sabiex josservaw fl-icken dettall id-dettami tal-ligi dwar il-limiti tal-kompetenza taghhom. F’dan il-kaz il-Qorti ma tistax ma taghmilx referenza ghall-Artikolu 47 tal-Kap 12 kif emendat dan l-ahhar bl-Avviz Legali 275 tas-sena 2005. Il-partijiet ghamlu referenza estensiva ghal dan l-artikolu u l-emenda partikolari fejn effettivament nehhiet il-kawzi li fihom jidhlu kwistjonijiet dwar zgumbramenti jew tkeccija minn beni mmobbli mill-gurisdizzjoni tal-Qrati tal-Magistrati.

F’din il-kawza s-socjeta’ attrici qieghda titlob l-izgumbrament tal-konvenut minn beni mmobbli ghar-ragunijiet indikati fl-avviz. Indipendentement mir-ragunijiet moghtija, t-talba principali tibqa’ dejjem l-izgumbrament tal-konvenut u ghalhekk zgur illi l-avviz kif propost ma jistax jigi kkunsidrat minn din il-Qorti. Is-socjeta’ attrici pero’ ppruvat taqbez dan l-ostakolu billi rrinunzjat ghat-

talba ta’ l-izgumbrament izda zammet ferm it-talbiet l-ohra u cioe’ l-kawzali dwar ir-raguni l-ghala kienet qed tintalab l-izgumbrament.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti ma taqbilx ma’ din is-sekwenza procedurali. Jibda biex jinghad illi l-kompetenza tal-Qrati mhijiex xi haga li tista’ tigi negozjata jew inkella nterpretata b’xi mod differenti minn dak li tghid il-ligi. Il-kompetenza hija determinata mid-dettami cari tal-ligi li ma jhallu l-ebda lok ghall-interpretazzjoni. Darba l-ligi tghidlek illi l-izgumbramenti m’ghadhomx aktar kompetenza tal-Qrati tal-Magistrati allura f’dak il-kaz dawk il-Qrati ma jistghux jiehdu konjizzjoni ta’ tali kawzi u lanqas ir-raguni li jista’ jwassal jew meno ghall-izgumbrament. Il-kawzali ma jistghu jiehdu qatt il-posizzjoni tat-talba principali. Huma komplimentari u wiehed isegwi lill-iehor. It-talba principali hija ndikata kif inhi fl-avviz u r-ragunijiet ghal tali talba wkoll huma dikjarati, izda darba taqa’ wahda, l-ohra ma tistax tiehu postha. Dana huwa konformi mat-taghlim fid-dritt Ruman illi *“accessorium non ducit set seguitur suum principale.”*

Veru illi kawzi dikjaratorji huma ammessi fl-ordinament guridiku taghna pero’ dana jsir meta dawn id-dikjarazzjonijiet huma l-fini fihom infushom u mhux li jiddependu minn xi haga ohra. Zgur illi ma kienetx l-intenzjoni tal-legislatur illi darba jnehhi zgumbramenti mill-Qorti tal-Magistrati ser ihalli lakuna biex tigi nterpretata b’mod differenti minn dak illi jrid. Mhuwiex il-kompitu tal-Qorti illi tikkonverti ruhha f’dak illi jrid il-legislatur. F’kwistjonijiet ta’ kompetenza l-Qorti m’ghandhiex taghti lok ghall-interpretazzjoni li tista’ tkun ta’ kontroversja. Il-kompetenza ghandha tigi moghtija l-iktar interpretazzjoni stretta u d-dettami tal-ligi osservati skrupolozament. Jekk il-legislatur iddecieda li l-kawzi ta’ zgumbramenti jridu jinstemghu mill-Prim Awla, allura f’dak il-kaz il-Qorti ma tistax tissuplixxi l-volonta’ tal-legislatur billi ddur ma’ din l-emenda u taghti nterpretazzjoni differenti minn dak li kellu fi hsiebu l-legislatur.

Ghalhekk billi s-socjeta' attrici nehhiet it-talba ta' l-izgumbrament ma jfissirx illi b'daqshekk giet sorvolata l-ostakolu li pogga l-legislatur quddiem il-Qrati tal-Magistrati. Ladarba dawn il-Qrati ma jistghux jordnaw zgumbramenti minn beni mmobbli, ergo ma jistghux anqas jiehdu konjizzjoni ta' kawzali li jwasslu ghal tali decizzjoni, anke jekk fl-att promotur it-talba tkun irtirata.

Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi l-konvenut ghandu ragun illi jecepixxi n-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti, fil-kuntest ta' l-emenda maghmula mis-socjeta' attrici permezz tal-verbal tat-28 ta' April, 2008.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut. Tiddikjara ruhha inkompetenti *ratione materiae* sabiex tiehu konjizzjoni tal-kawza u thalli impregudikat il-meritu li ghandu jinstema quddiem il-Qorti kompetenti.

Bl-ispejjez ta' dan il-gudikat kontra s-socjeta' attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------